MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 271/2007

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 5637) in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazzioni S.p.a. – S.I.A.T.**
**vs**

**Charles Sammut (ID 58682 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, mija, hamsa u sittin ewro u hamsin centezmi (€1,165.85) gja` Lm500.50 kif ukoll interessi fuq din is-somma mill-10 ta` Ottubru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament rapprezentanti 'excess' dovut lil konvenut u spejjez legali li nkorriet is-socjeta' attrici wara li l-konvenut nhar il-15 ta' April, 2005 kien involut f'incident tat-traffiku f'Mdina Road, Qormi bil-vettura Daihatsu Charade tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni EAI-992 ma` l-vettura tal-marka Toyota Corolla, numru ta' registrazzjoni

IBA-113, misjuqa minn George Camilleri u proprjeta’ ta’ l-istess Camilleri, liema ncident gara tort unikament u htija tal-konvenut u huwa naqas milli jaghmel l-‘claim’ relattiva mas-socjeta’ attrici u jhallas l’excess’ dovut ai termini tal-polza ta’ l-assigurazzjoni u konsegwentement l-istess socjeta’ attrici ma kienetx f’posizzjoni li tassumi r-responsabbilita’ ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u tevita l-ispejjez legali zejda.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenut inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-18 ta’ Jannar, 2007 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenut ngunt.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi s-socjeta’ attrici ghandha fl-ewwel lok tiddikjara fuq liema artiklu tal-ligi qieghda spejjez t-talbiet taghha. Illi sussidjarjament u b’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri wara li jsir dak mitlub fl-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez. Illi ebda ammont m’huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici, illi f’kull kaz id-danni reklamati huma ezagerati u eccessivi.

Ra d-dokumenti ezebiti kollha fl-atti.

Sema` x-xhieda ta’ Kevin Borg u Charles Sammut.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici.

IKKUNSIDRA

Illi dan il-kaz jitratta dwar rizarciment ta’ ‘excess’ dovut lis-socjeta’ attrici skond polza ta’ assikurazzjoni mahruga f’isem il-konvenut mis-socjeta’ attrici u ghall-ispejjez legali li s-socjeta’ attrci nkorriet. Illi l-konvenut kien involut f’incident awtomobilistiku kif spjegat fit-talba u sussegwentement Charles Sammut naqas milli jaghmel il-‘claim’ mas-socjeta’ assikurattici tieghu u naqas milli jhallas l-‘excess’ dovut ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni, bil-konsegweneza illi s-socjeta’ attrici ma

kienetx f'pozizzjoni li tassumi r-responsabbilita' ghall-incident awtomobilistiku u tevita spejjez legali zejda.

Illi t-talba ta' Lm500.50 ta' dak iz-zmien tkopri Lm100 ta' l-'excess,' spejjez ta` l-arbitragg maqsum Lm273.12 lil Citadel Insurance Plc, u Lm107.38 lil avukat tas-socjeta' attrici ghas-servizzi prestati minnu.

Illi mill-provi jirrizulta illi Charles Sammut qatt ma mar jaghmel il-*claim* mas-socjeta' assikurattrici tieghu u cioe' s-socjeta' attrici u li sussegwentement, s-socjeta' assikurattrici tal-vettura l-ohra involuta fl-istess incident awtomobilistiku fetah kawza quddiem ic-centru ta' l-arbitragg kontra l-istess konvenut bir-rizultanti illi l-konvenut nstab responsabbli ghall-incident *de quo.*

Illi mill-provi jirrizulta illi t-talba fic-centru ta` l-arbitragg saret kontra l-konvenut. Illi l-arbitragg gie deciz fis-26 ta' April, 2006 kontra l-assikurat u cioe' l-konvenut. Illi l-konvenut baqa' ma ghamel ebda *claim* mas-socjeta' assikurattrici ghalkemm jirrizulta illi s-socjeta' assikurattrici hallset lis-socjeta' assikurattrici ta' George Camilleri sewwieq tal-vettura l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni IBA-113, involuta fl-incident awtomobilistiku. Is-socjeta' attrici kellha thallas ukoll l-ispejjez tal-abitragg kif ukoll l-ispejjez ta` l-avukat taghha.

Illi irrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi huwa qatt ma kien ghamel 'il-claim' mas-socjeta' assikurattrici ghaliex fi kliemu qal illi ma hallewhx ghaliex l-ewwel riedu jistabilixxu ta' min kien it-tort. Illi s-socjeta' attrici kienet baghatet lill-konvenut ittri jinterpellawh sabiex jmur jaghmel il-'claim.' Izda, l-konvenut stqarr illi fiz-zmien li gew mibghuta l-ittri mis-socjeta' attrici sabiex huwa jaghmel 'il-claim' ma kienx qieghed jghix fl-indirizz msemmi fl-ittri. It-Tribunal jirrilleva illi l-ewwel ittra giet mibghuta mis-socjeta' attrici ftit gimghat wara l-incident fl-indirizz moghti minnu fid-data ta` l-incident u l-ittra l-ohra f'Ottubru, 2005.

Illi wara li t-Tribunal sema` l-provi ihoss illi x-xhieda tal-konvenut m'hijiex attendibbli u jidhirlu illi l-konvenut kellu

opportunitajiet bizzejjed bis-seduti li nzammu, sabiex jissostanzja dak kollu li qal fix-xhieda tieghu. It-Tribunal huwa tal-fehma illi x-xhieda tal-konvenut hija dghajfa, lli r-raguni moghtija minnu ghaliex ma hallasx l'excess' u ma ghamilx il-'claim' mas-socjeta' attrici wara l-incident m'humiex attendibbli, u baqa' ma gab ebda prova *viva voce* u ebda prova dokumentali sabiex isahhah dak li xehed.

It-Tribunal jirrilleva illi l-Artiklu 15 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta'Malta jaghmilha cara lli l-assikurat kellu l-obbligu li jgharraf lis-socjeta' asssikurattrici bl-incident li sehh. Illi in oltre, jekk l-assikurat naqas milli jgharraf lis-socjeta' assikurattrici, s-socjeta' assikurattrici ghandha l-jedd illi tirkupra l-ispejjez legali u gudizzjarji mill-assikurat taghha.

Illi quddiemu, t-Tribunal ghandu zewg verzjonijiet konfliggenti u sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa ghal vertenza ta' din il-kawza ha jkollu joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu.

Illi mill-provi rrizulta illi l-konvenut naqas milli jhallas 'l-excess' u naqas milli jgharraf lis-socjeta' attrici bl-incident li kien involut fih u baqa' ma ghamilx il- 'claim'. Illi s-socjeta' attrici avzatu bil-miktub ghal darbtejn fl-indirizz moghti minnu illi kellu jmur l-ufficcji taghhom, jimla' l-'claim form' u jhallas l-'excess' dovut u gharrfitu ukoll bil-konsegwenzi jekk ma jaghmilx dan. Illi ghalkemm il-konvenut qal illi huwa ghamel tentattivi sabiex jgharraf lis-socjeta' attrici, t-Tribunal ma jhoss illi l-verzjoni tal-konvenut hija sostennibli.

Illi wara li sema' l-provi u evalwa u studja il-provi kollha li ngabu quddiemu, it-Tribunal jemmen illi l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija dik l-aktar sostennibli u verosimili.

Illi rigward il-verbal imnizzel fit-30 ta' April, 2007 it-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li nstemghu l-provi jidhirlu illi din it-talba taqa' taht il-Kap 380 tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar u ghaldaqstant dan il-'forum' kien kompetenti sabiex jinstema' dan il-kaz quddiemu.

In konkluzzjoni,  t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, mija, hamsa u sittin ewro u hamsin centezmi  (€1,165.85) gja` Lm500.50, bl-interessi mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv,  bl-ispejjez kif mitluba.

Spejjez tal-kawza  ghal konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------